**Laqgha tal-lokalita' 2011**

**Introduzzjoni**

Il-Laqgha tal-Lokalita' ghas-sena 2011 saret nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar 2011 fis-6.30pm fis-sala tac-Centru Pastorali Kristu Rxoxt.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-laqgha kien hemm il-prezenza ta' 23 persuna bhala pubbliku **(Ara dokument A).** L-Onor. Ministru Dolores Cristina, l-Onor. Ministru George Pullicino, l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said u l-Onor. Dr. Stefan Buontempo nfurmaw lill-Kunsill li ma setghux jattendu u talbu li jigu skuzata.

**Agenda**

L-Agenda kienet:

**01. Rapport ta' hidma 2010.**

**02. Estimi Finanzjarji 2011.**

**03. Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta' hidma.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit wara li ta merhba lil dawk prezenti qara r-rapport ta' hidma li jkopri l-perjodu Jannar sa Dicembru 2010. **(Ara dokument B)**

## 02. Estimi Finanzjarji 2011.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2011. **(Ara dokument C)**

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lil dawk prezenti sabiex iresqu l-kummenti, ilmenti u s-suggerimenti taghom.

3.02. Is-sur Raphael Cauchi lmenta minn nuqqas ta' servizz li t-tabib Camilleri li jkun fil-Berga qed jaghti lir-residenti. Il-kelliem xtaq ikun jaf x'suppost jaghmel dan it-tabib kif ukoll jekk dan jithallasx mill-Kunsill.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa tajjeb li jkun jaf b'dawn l-ilmenti halli jkun jista' jressaqhom quddiem l-Awtoritajiet koncernata. Il-kelliem qal li l-hlas tat-tabib isir mill-Gvern Centrali u mhux mill-Kunsill.

3.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li s-servizz qed jinghata b'xejn mill-Gvern.

3.05. Is-sur Charles Theuma (ex Kunsillier) semma diversi punti :

a. Irrikonoxxa s-servizz moghti mill-kuntrattur tal-gbir ta' skart goff inkluz ukoll l-ghajnuna li jsib mill-ufficcju amministrattiv fosthom mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg,

b. Irrikonoxxa l-intenzjonijiet tajba tal-Kunsill bil-hrug ta' diversi cirkularijiet li jintbaghtu lir-residenti minn zmien ghal zmien fosthom dwar il-hrug ta' l-iskart, iz-zbir tas-sigar mill-parapetti tar-residenti, il-hmieg tal-klieb u suggetti ohra. Il-kelliem qal li l-kliem f'dawn ic-cirkulari qed ikun mirqum u mhux offiz.

c. Irrakkomanda li hemm bzonn li annimali li jkunu fit-toroq minghajr kullar ghandhom jingabru mill-awtoritajiet koncernata;

d. Irringrazzja lill-Kunsill taz-zamma u l-manutenzjoni li tinzamm fil-playing fields tal-lokal;

e. Irrakkomanda lill-Kunsill li jkun proattiv sabiex ihares lir-residenti tal-lokal minn vandalizmu li qed ikun hemm fil-festa ta' Halloween u dan minhabba l-fatt li Kunsill bhas-Swieqi mbarkaw fuq kampanja biex izommu boghod lil dawn il-vandali l'issa spiccaw qed jiffrekwentaw Pembroke;

f. Irrakkomanda li l-Kunsill jaghmel xi haga sabiex il-facilitajiet sportivi li hawn fil-lokal u li huma maghluqa biss ghall-membri taghhom jinstab xi tip ta' kompromess ma' l-amministratturi li dawn jaghtu l-facilita' li l-facilitajiet taghhom jintuzaw mir-residenti bi prezzijiet anqas baxxi;

g. Qal li jahseb li wasal iz-zmien li l-Kunsill jinvesti f'CCTV's f'diversi zoni fil-lokal sabiex jitrazzan il-vandalizmu li qed isir minn zghazagh Maltin u barranin. Il-kelliem qal li huwa konvint li hemm residenti li lesti li jkollhom dawn il-cameras fuq il-propjeta' taghhom sabiex issir sorveljanza fil-lokal;

h. Il-kelliem ilmenta li lura f'Marzu kienu gew infurmati li ser jibda jiffunzjona l-Kumitat ta' l-Ambjent fejn ghalkemm kienu mghajta zewg laqghat matul is-Sajf baqa' ma gara xejn izjed u jidher li dan il-Kumitat miet mewta naturali. Il-kelliem qal li Kumitati simili ghandhom jigu nkoraggiti mill-Kunsill;

i. Il-kelliem semma li l-Kunsill ghandu jara li fejn kien hemm palm infettat u ghalhekk kellu jitnehha, ghandhom jithawlu palm iehor simili fl-istess postijiet.

3.06. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lis-sur Theuma tal-kummenti tieghu u filwaqt l'infurmah li kien ha nota taghhom, dwar il-palm qallu li ser jara jekk jistax jithawwel palm iehor simili.

3.07. Is-sur Mario Bondin irrefera ghax-xoghol li sar fuq il-bini ta' culvert fi Triq Dun Amabile Sisner fejn issuggerixxa li jsiru gradilji fuq il-gnub tal-gradilji li saru sabiex jinqabad aktar ilma mill-culvert. Il-kelliem ipprezenta lill-Kunsill sett ta' ritratti sabiex jispjega l-punt tieghu. **(Ara dokument D, E, F, G, H, I, J u K)**

3.08. Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkaw li l-Kunsill kien qed jaghmel pressjoni ma' l-Awtoritajiet koncernata minhabba li f'parti mit-triq hemm it-tarmak li qed joghla minhabba li hemm ilma li qed joskula taht wicc it-triq.

3.09. Is-sur Flavio Abdilla xtaq ikun jaf meta ser isir it-tarmak fi Triq Gabriele Henin u Triq Alamein.

3.10. Is-Sindku Joe Zammit, dwar Triq Gabriele Henin qal li kif spjega aktar qabel il-Kunsill kien applika ghall-PPP izda kellu jirtira minhabba li l-finanzi allokata ma

jkoprux ix-xoghol konness mal-bankini u ghalhekk il-Kunsill hass li ma jkunx jaghmel sens li jsir it-tarmak minghajr il-bankini. Dwar Triq Alamein il-kelliem qal li dan ix-xoghol suppost li ser isir mal-progett tal-Park & Ride.

3.11. Is-sur Ray Lanzon xtaq ikun jaf kif il-Kunsill ser isolvi l-problema tal-parking fl-akwati ta' l-iskola primarja u fl-akwati tal-ground ta' Luxol FC. Il-kelliem qal li huwa ghandu nformazzjoni li fil-futur fl-iskola primarja ser jizdied in-numru ta' klassijiet.

3.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-gimghat li gejjien ser tigi konkluza l-iskema tat-traffiku fl-akwati ta' l-iskola fejn ser tkun proposta One Way System kif ukoll li waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug tat-tfal, it-toroq tal-madwar ser ikunu maghluqa ghat-traffiku. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill qed iressaq talba quddiem l-awtoritajiet sabiex biswit l-iskola jinbena parkegg ghal madwar 40/45 vettura ghall-genituri. Dwar il-kaz ta' hdejn il-Luxol FC, il-kelliem qal li l-Kunsill qed jistenna li jigi ppubblikat l-Avviz Legali li jillegalizza r-Residential Parking Scheme.

3.13. Is-sur Ray Lanzon staqsa jekk il-Luxol jistax ikollu dhul alternattiv ghall-ground u jsir minn naha fejn ser isir il-progett tal-Park & Ride.

3.14. Is-Sindku Joe Zammit qal li minn informazzjoni li ghandu jirrizulta li d-dhul li ghandu bhalissa huwa kopert bil-permessi tal-MEPA.

3.15. Is-sur Anthony Portelli li huwa ukoll il-President ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke ressaq numru ta' kummenti:

a. Hemm bzonn ta' letter box fiz-zona ta' St. Patricks;

b. Hemm bzonn li tigi nstallata Crash Barrier fid-dawra ta' Triq Burma fejn hemm iz-zebbug sabiex jigi evitat li jkun hemm xi accident tat-traffiku;

c. Dwar il-palm issuggerixxa li jigi mhawwel palm li mhux qed ikun affettwat mill-bumunqar;

d. Hemm bzonn li tigi nstallata Speed Camera fi Triq il-Mediterran minhabba sewqan eccessiv li qed ikun hemm;

e. Bzonn li jigi rrangat cint tas-sejjiegh li hemm fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta;

f. Irrakkomanda li kien ikun ghaqli kieku d-diskors tas-Sindku kien powerpoint presentation u mhux rapport twil kif sar;

g. Irrakkomanda li jkun hemm Gwardjani Lokali biswit l-iskola primarja sabiex jara li ma jkunx hemm ksur tar-regolamenti;

h. F'isem l-Ghaqda Anzjani Pembroke rringrazzja lill-Kunsill ta' l-ghajnuna kollha li jkun hemm u

i. Bzonn t'aktar sorveljanza mill-Pulizija fi Triq il-Mediterran minhabba li fl-ahhar sena kien hemm aktar minn kaz wiehed ta' molestazzjonijiet ta' persuni femminili.

3.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ser jiehu nota tal-punti kollha li tqajmu. Dwar is-supervizjoni ta' hdejn l-iskola l-kelliem qal li din hija fdata f'idejn il-Pulizija u mhux f'idejn il-Gwardjani Lokali.

3.17. Is-sinjura Grace Azzopardi talbet li ssir lampa tad-dawl fi Triq Patri Odorik Grima fit-tarf ta' Blokk 8 u letter box fl-akwati.

3.18. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ha nota tal-kummenti.

3.19. Is-sinjura Josephine Farrugia talbet li l-Kunsill jiehu azzjoni kontra persuni li nhar ta' Hadd jipparkjaw il-vetturi taghhom fuq il-bankina ta' Triq Normandy, talbet li tigi nstallata lampa faccata tal-Bus Shelter li hemm fi Triq Cassino u rringrazzjat lill-Kunsill tal-korsijiet ghall-adulti li qed jorganizza l-Kunsill.

3.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ha nota tal-kummenti.

3.21. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.15pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |